21.5.2013 B7-0198/1

**Emenda 1**
**David Martin, Bernd Lange, Richard Howitt, Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0198/2013**
**David Martin, Vital Moreira**
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jappella sabiex id-diskussjonijiet dwar il-paċi mal-gruppi etniċi, speċjalment il-Katchin, jitkomplew, u jħeġġeġ ***li*** tintemm ***ir***-repressjoni kontra r-Rohingya, ***li għadhom qed jiġu mċaħħda*** mid-drittijiet taċ-ċittadinanza; | 2. Jappella sabiex id-diskussjonijiet dwar il-paċi mal-gruppi etniċi, speċjalment il-Katchin, jitkomplew, u jħeġġeġ ***lill-awtoritajiet ta' Burma jistabbilixxu pjan ta' azzjoni biex*** itemmu ***r-repressjoni*** kontra r-Rohyingya ***u minoranzi oħrajn soġġetti għal repressjoni***, ***inkluż l-għoti*** tad-drittijiet taċ-ċittadinanza, ***l-indirizzar ta' preġudizzji li ilhom jeżistu għal żmien twil u attitudnijiet diskriminatorji bbażati fuq l-etniċità u r-reliġjon, u l-iżvilupp ta' politika ta' integrazzjoni u rikonċiljazzjoni fit-tul għal komunitajiet spustati***; |

Or. en

21.5.2013 B7-0198/2

**Emenda 2**
**David Martin, Bernd Lange, Richard Howitt, Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0198/2013**
**David Martin, Vital Moreira**
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Iħeġġeġ lill-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar jirratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, jippermetti li l-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u l-gruppi ta' monitoraġġ nazzjonali jkollhom aċċess sħiħ għall-ħabsijiet, u jieħu miżuri immedjati u effikaċi biex jipprevjeni t-tortura u t-trattament ħażin;*** |

Or. en

21.5.2013 B7-0198/3

**Emenda 3**
**David Martin, Bernd Lange, Richard Howitt, Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0198/2013**
**David Martin, Vital Moreira**
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Iħeġġeġ lill-Gvern ta' Burma/il-Mjanmar jaċċellera l-isforzi biex jirrevedi u jirriforma l-leġiżlazzjoni u d-dispożizzjonijiet legali li jiksru standards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'dati ta' mira ċari għall-konklużjoni ta' kull reviżjoni; jinnota li dawn ir-riformi għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni bla xkiel tal-gruppi tas-soċjetà ċivili u l-assistenza tal-korpi internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem, bħall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR); jistieden lill-gvern jiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' liġijiet ġodda u riveduti, inkluż permezz tat-taħriġ u l-bini tal-kapaċità ta' istituzzjonijiet ta' implimentazzjoni, membri tal-professjoni legali, uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura;*** |

Or. en

21.5.2013 B7-0198/4

**Emenda 4**
**David Martin, Bernd Lange, Richard Howitt, Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0198/2013**
**David Martin, Vital Moreira**
f’isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess ta’ Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta’ preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Jiddispjaċih li, minkejja diversi wegħdiet mill-President Thein Sein, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti għadu ma kienx kapaċi jistabbilixxi preżenza permanenti fil-pajjiż;*** |

Or. en

**Emenda 5**
**David Martin, Bernd Lange, Richard Howitt, Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0198/2013**
**David Martin, Vital Moreira**
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3d. Jenfasizza l-importanza li l-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'żoni milquta minn konflitti jiġu indirizzati b'mod indipendenti, u li n-Nazzjonijiet Uniti u ħaddiema oħra li joperaw fil-qasam tal-għajnuna u ħaddiema umanitarji jingħataw aċċess għal dawk kollha li jkunu jeħtieġu għajnuna umanitarja, kemm f'territorji kkontrollati mill-gvern u kemm f'territorji mhux ikkontrollati mill-gvern;*** |

Or. en

21.5.2013 B7-0198/6

**Emenda 6**
**David Martin, Bernd Lange, Richard Howitt, Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0198/2013**
**David Martin, Vital Moreira**
f’isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess ta’ Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jisħaq, għalhekk, fuq il-ħtieġa għal miżuri speċjali għal Burma/il-Mjanmar, fejn l-UE imponiet restrizzjonijiet u sanzjonijiet sa mill-1996; jappella għal mekkaniżmu ċentralizzat li abbażi tiegħu l-kumpaniji Ewropej li joperaw f’Burma/il-Mjanmar se jkunu meħtieġa jgħaddu minn proċess profond u kostanti ta’ diliġenza dovuta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u jiżvelaw b’mod pubbliku u regolari l-operazzjonijiet u r-relazzjonijiet kummerċjali kif ukoll il-politiki, il-prattiki u l-azzjonijiet tal-kumpanija mmirati lejn il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 7**
**David Martin, Bernd Lange, Richard Howitt, Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B7-0198/2013**
**David Martin, Vital Moreira**
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
dwar ir-ristabbiliment tal-aċċess ta' Burma/il-Mjanmar għas-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***16b. Iqis li r-rekwiżiti ta' rappurtar annwali fil-kuntest tal-proċessi ta' diliġenza dovuta tal-kumpaniji għandhom jinkludu valutazzjonijiet tal-impatt, pjanijiet ta' rimedju u divulgazzjoni ta' operazzjonijiet u relazzjonijiet kummerċjali, inklużi l-ktajjen tal-provvista f'Burma/il-Mjanmar;*** |

Or. en